

31992R2083

24.7.1992

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 208/15

**IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KEE) Nru 2083/92
ta' l-14 ta' Lulju 1992**

li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 2092/91 dwar il-produzzjoni organika ta' prodotti agrikoli u l-indikazzjonijiet li jirreferu għalihom fil-prodotti agrikoli u fl-oġġetti ta' l-ikel.

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

ekwivalenti għall-dawk ipprovduti fir-Regolament (KEE) Nru 2092/91,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 43 tiegħu,

ADOPTA DAN IR-REGOLAMENT:

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni ⁽¹⁾,

Artikolu 1

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ⁽²⁾,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ⁽³⁾,

REGOLAMENT (KEE) Nru 2092/91 huwa hawnhekk emendat kif ġej:

Billi l-Artikolu 11(1) tar-Regolament (KEE) Nru 2092/91 ⁽⁴⁾ jipprovdi li, mit-23 ta' Lulju 1992, prodotti li huma impurtati minn pajjiż terz jistgħu jitqiegħdu fis-suq biss meta joriġinaw minn pajjiż terz li jidher fl-lista magħmula skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 14 ta' l-imsemmi Regolament; billi l-Artikolu 11(2) jispeċifika l-kondizzjonijiet li jridu jiġu sodisfatti minn pajjiż terz sabiex jiġi inkluż fil-lista;

1. il-paragrafu li ġej għandu jiżdied ma' l-Artikolu 11:

Billi jidher ċar illi, minħabba in-nuqqas ta' informazzjoni sottomessa sal-lum minn pajjiżi terzi, mhux se jkun possibli illi tittieħed deċiżjoni dwar id-dħul ta' dawn il-pajjiżi fil-lista fil-limitu ta' żmien imsemmi hawn fuq;

"6. (a) B'deroga minn paragrafu 1, l-importatur(i) ta' Stat Membru għandhom jiġu awtorizzati mill-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru sabiex, sal-31 ta' Lulju 1995, ipogħu fis-suq prodotti impurtati minn pajjiż terz li mhux inkluż fil-lista msemmija fil-paragrafu 1 (a) sakemm l-importatur(i) jipprovdu(i) lill-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru importatur b'xhieda biżżejjed li l-prodotti impurtati kienu mmanufatturati skond regoli tal-produzzjoni ekwivalenti għall-dawk stabbiliti fl-Artikoli 6 u 7 u kienu soġġetti għal miżuri ta' spezzjoni b'effettività ekwivalenti għal dawk imsemmija fl-Artikoli 8 u 9, u li tali miżuri ta' spezzjoni ser ikunu applikati b'mod permanenti u effettiv.

Billi t-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 16(3) tar-Regolament jipprovdi għall-possibbiltà li tiġi ttardjata l-implimentazzjoni ta' l-Artikolu 11 biss fejn pajjiż terz issottometta talba għad-dħul fil-lista fil-limitu ta' żmien imsemmi hawn fuq;

Tali awtorizzazzjoni għandha tibqa' valida sakemm il-kondizzjonijiet imsemmija hawn fuq jidhru li qed jiġu sodisfatti. Din l-awtorizzazzjoni għandha tiskadi minn dakinhar ta' l-inklużjoni ta' pajjiż terz fil-lista msemmija fil-paragrafu 1 (a).

Billi dawn id-disposizzjonijiet jistgħu jwasslu għall-interruzzjoni ta' importazzjoni ta' prodotti fejn pajjiż terz ma' jkunx issottometta fiż-żmien dovut talba għad-dħul fil-lista msemmija fl-Artikolu 11(1)(a);

(b) Meta Stat Membru ikun jirċieva xhieda biżżejjed mingħand importatur, hu għandu immedjatament jinnotifika lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra li minnhom il-pajjiż terz jimporta l-prodotti u jipprovdi informazzjoni dettaljata fuq il-produzzjoni u l-arranġamenti ta' spezzjoni u l-garanziji li dawn ser ikunu applikati b'mod permanenti u effettiv.

Billi interruzzjonijiet ta' importazzjoni minn pajjiżi terzi li jissodisfaw il-kondizzjonijiet speċifikati fl-Artikolu 11(2) għandhom jiġu evitati, partikolarment għaliex dawn il-prodotti jistgħu jkunu neċessarji għall-preparazzjoni tajba ta' prodotti komposti;

(c) Fuq talba ta' Stat Membru jew fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni, il-materja għandha tiġi sottomessa għall-eżaminazzjoni lill-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 14. Jekk mill-eżaminazzjoni jirriżulta li l-prodotti impurtati ma kienux immanufatturati skond regoli ta' produzzjoni ekwivalenti u/jew miżuri ta' spezzjoni b'effettività ekwivalenti, il-Kummissjoni għandha titlob lill-Istat Membru li jkun ta' l-awtorizzazzjoni biex jirtiraha. Jista' jiġi deċiż, skond il-proċedura msemmija

Billi, għalhekk sakemm ikun inkluż pajjiż terz fil-lista msemmija fl-Artikolu 11(1)(a), importaturi għandhom ikunu jistgħu jgħibu awtorizzazzjoni għal importazzjoni minn pajjiżi terzi, ta' prodotti li jissodisfaw ir-regoli ta' produzzjoni u arranġamenti ta' spezzjoni

⁽¹⁾ ĠU C 74, tal-25.3.1992, pġ. 9.

⁽²⁾ Opinjoni mogħtija fl-10 ta' Lulju 1992 (għadha mhix ippublikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

⁽³⁾ Opinjoni mogħtija fis-26 ta' Mejju 1992 (għadha mhix ippublikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

⁽⁴⁾ ĠU L 198, tat-22.7.1991, pġ. 1.

fl-Artikolu 14, illi l-importazzjonijiet konċernati għandhom jiġu projbiti jew li l-kontinwazzjoni tagħhom tkun soġġetta għall-ċertu kondizzjonijiet ta' importazzjoni li jiġu emendati f'perjodu mogħti ta' żmien.

- (d) In-notifika msemmija f(b) m'għandiex tkun meħtieġa meta tikkonċerna produzzjoni u arranġamenti ta' spezzjoni li jkunu diġà ġew innotifikati minn Stat Membru ieħor, skond (b), kemm-il darba tiġi sottomessa xhieda ġdida sinifikanti li tiġġustifika reviżjoni ta' l-eżaminazzjoni u d-deċiżjoni msemmija f(ċ).

Qabel il-31 ta' Lulju 1994, il-Kummissjoni għandha teżamina mill-ġdid d-disposizzjonijiet tal-paragrafu 1 u tissottometti kwalunkwe proposti xierqa għar-reviżjoni.”;

2. l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 16(3) għandu jiġi mibdul b'li ġej:

“3. L-Artikolu 5, l-Artikolu 8(1) u l-Artikolu 11(1) għandhom japplikaw mill-1 ta' Jannar 1993.”;

3. id-dati msemmija fl-Artikolu 5(9) u l-Artikolu 10(7) għandhom jiġu mibdula b'dik tal-31 ta' Lulju 1994.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-ġurnata tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, fl-14 ta' Lulju 1992.

Għall-Kunsill

Il-President

J. GUMMER